MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 144/2014

**Av. Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza tal-assenti**

**Kaptan Wayne Foulis, Alex Dodson, Andrew Flanagan,**

**Thibaut de Larquier, Sarah Foulis, Bryony Parr,**

**Holly Whitaker, Guy Mannering**

**vs**

**Icon Boat Limited bhala sid tal-bastiment M/Y Pure One**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr. Malcolm Mifsud nomine tas-17 ta’ Frar 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-Kaptan Wayne Foulis, u l-bqija tal-ekwipagg Alex Dodson, Guy Mannering, Sarah Foulis, Byrony Parr, Holly Whitaker. Thibaut de Larquier (Dok A. B) gew impjegati sabiex jservu fuq il-Motor Yacht Pure One, registrat f'Malta;

2. Illi l-Kaptan Wayne Foulis u l-bqija tal-ekwipagg inghataw Crew Departure Notice f'Ottubru 2013 (Dok C, D, E, F, G, H);

3. Illi s-socjeta intimata ma halsitx il-paga u allowances kollha tal-Kaptan Wayne Foulis u l-ekwipagg li jammonta ghal USD82,530.68, ekwivalenti ghal €60,280.41 li jikkonsisti l-mod segwenti:

a. Il-Kapitan Wayne Foulis huwa intitolat ghal USD24,624.64, ekwivalenti ghal €17,985.84, rapprezentanti f’erbat ijiem paga, 28 gurnata vacant leave u xahar paga bhala avviz ta' terminazzjoni tal-impieg;

b. Alex Dodson huwa intitolat ghal 21 gurnata paga li jammonta ghal USD4,832.87, ekwivalenti ghal €3,529.93;

c. Andrew Flanagan huwa intitolat ghal xahar u 25 gurnata li jammonta ghal USD9,166.67, ekwivalenti ghal €6,695.34;

d. Guy Mannering huwa intitolat ghal 37 gurnata paga li jammonta ghal USD6,175, ekwivalenti ghal €4,510.22;

e. Sarah Foulis hija intitolata ghal erbat ijiem paga u 21 gurnata vacant leave, li jammonta ghal USD10,931.50 ekwivalenti ghal €7,984.37;

f. Byrony Parr huwa intitolat ghal xahrejn paga, li jammonta ghal USD8,000, ekwivalenti ghal €5,843.20;

g. Holly Whiteaker hija intitolata ghal xahrejn u 18-il gurnata paga, li jammonta ghal USD7,800, ekwivalenti ghal €5,679.12;

h. Thibaut de Larquier huwa intitolat ghal xahrejn paga li jammonta ghal USD11,000, ekwivalenti ghal €8,034.40;

4. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-bastiment hija koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(d) u/jew (h) u/jew 9(j) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll azzjoni ghar-rikavat tas-somma komplessiva ta' tnejn u tmenin elf hames mija u tlettin dollaru Amerikan u tmienja u sittin centezmu (USD82,530.68) ekwivalenti ghal sittin elf mitejn u tmenin euros u wiehed u erbghin centezmu (€60,280.41) li hija kunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm

lok ghal azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta permess li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a)(iv) u /jew (v) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

5. Illi jekk issir bejgh jew trasferiment tal-bastiment jew trasferiment ta' ishma fil-bastiment, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y Pure One, u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u l-anqas jinhareg ebda 'deletion certificate' u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportun u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmul min din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu bl-ispejjez kontra taghhom u dana stante r-ragunijiet segwenti:-

(1) Illi s-socjeta intimata m'hiex il-legittima kontradittrici u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

(2) Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta esponenti ma iffirmat l-ebda ftehim ta' impjieg mar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet tal-istess rikorrenti ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra taghhom.

(3) Illi subordinatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u minghajr pregudizzju ghall-istess u fil-mertu, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova illi huma tabilhaqq wettqu x-xoghol illi qeghdin jallegaw illi wettqu u f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol illi allegatament wettqu fir-rigward u/jew

fuq il-bastiment M/Y Pure One u illi ghalih qeghdin jivvantaw l-ammonti pretizi mir-rikorrenti u li illi dwarhom qieghed jintalab il-hruq tal-ordni skond l-artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) Illi subordintament ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet u minghajr pregudizzju ghall-istess u fil-meritu, l-ammonti pretizi u eventwalment mitluba mir-rikorrenti m'humiex dovuti u dana stante illi l-istess rikorrenti erogaw fondi u flus ghall-uzu mhux rnaghruf, liema flus u fondi kien gew imqeghda ghad-disposizzjoni taghhom esklussivament sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-vapur M/Y Pure One u minkejja dan, irrizulta illi tali spejjez ma thallsux u kwindi t-talbiet tal-istess rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez tal-istess kontra l-istess rikorrenti.

(5) IIli subordinatament ghall-ewwel erbgha eccezzjonijiet u minghajr pregudizzju ghall-istess u fil-mertu, l-ammonti pretizi u eventwalment mitluba mir-rikorrenti huma eccessivi u dana stante illi l-istess rikorrenti erogaw fondi u flus ghall-uzu mhux maghruf, liema flus u fondi kien gew imqeghda ghad-disposizzjoni taghhom esklussivament sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-vapur M/Y Pure One u liema u minkejja dan irrizulta illi tali spejjez ma thallsux u kwindi t-talbiet tal-istess rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez tal-istess kontra l-istess rikorrenti.

(6) Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, ir-rikorrenti ghandhom fi kwalunkwe kaz jaghtu garanzija lis-socjeta intimata ghad-danni kollha u spejjez inkorsi mis-socjeta intimata stante l-hrug ta' ordni provizorju kontra l-bastiment M/Y Pure One u dana a tenur tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta u tali garanzija qeghda tintalab dejjem a tenur tal-imsemmi artikolu 37.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha u l-verbal tat-28 ta' Ottubru 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta' kaptan u membri tal-ekwipagg sabiex jigi ordnat li ma jsirx negozju fuq il-bastiment M/Y Pure One peress illi huma ghandhom pretensjoni kontra l-istess socjeta konvenuta ghal hlas ta' pagi, vacation leave u termination leave dovuta lilhom mill-istess socjeta. Qed jikkontendu illi din il-pretensjoni hi koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu

50(d) u/jew (h) u/jew 9(j) tal-Kap. 234 li tkopri pilotage, pagi ghal impjieg fuq vapur u ammonti dovuti lil krédituri ghal xogholijiet. Qed isostnu wkoll illi l-azzjoni attrici hi wahda in rem a tenur tal-artikolu 742(B)(o) tal-Kap. 12 cioe kull talba ghal servizzi jew oggetti suppliti lil bastiment ghal operazzjoni jew preservazzjoni jew manteniment taghha. Dan kollu jaghti lok ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 37(10(a)(iv) u/jew (v) cioe kull talba li hi koperta bi privilegg fuq il-vapur skond il-ligi Maltija jew talba li taghti lok ghal azzjoni in rem kontra vapur taht il-ligi Maltija.

L-atturi esebew fost affarijiet ohra kuntratt ta' impjieg tal-kaptan Wayne Foulis ghal servizz fuq il-vapur M/Y Pure One datat 5 ta' Jannar 2012 (Dok. A a fol. 6 tal-process) li pero jidher li hu ffirmat mill-istess Wayne Foulis ghan-nom tas-sid, kuntratt ma Alex Dodson datat 26 ta' Lulju 2013 (Dok. B a fol. 16 tal-process) iffirmat mill-istess Alex Dodson u l-kaptan Foulis. Gew esebiti wkoll termination agreements ta' whud mill-atturi ffirmati mill-istess kaptan tal-vapur. Gie esebit ukoll pero time charter agreement bejn Eric Arnoux f'isem is-socjeta Icon Boat Limited u terz esteru (fol. 50 tal-process) fejn hemm dikjarat illi l-kaptan u l-ekwipagg tal-vapur M/Y Pure One huma l-atturi odjerni. Dan il-ftehim sar fit-23 ta' Settembru 2013. Il-Qorti gharfet il-firma ta' Eric Arnoux ghax hi l-istess bhal firma fl-affidavit tal-istess a fol. 72 tal-process.

Il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ahhar ftehim wahdu jistabilixxi relazzjoni prima facie kuntrattwali bejn is-socjeta Icon Boat Limited u l-atturi. Dan qed jinghad ghax l-ewwel eccezzjoni hi li s-socjeta konvenuta ma hix legittima kontraditrici fl-azzjoni. Dan il-ftehim juri illi hemm relazzjoni bejn iz-zewg partijiet ghal finijiet tal-kawza odjerna li l-Qorti taghmilha cara mhix kawza fil-mertu izda biss talba ghal provvediment kawtelatorju fil-konfront ta' kumpanija marittima fuq il-vapur proprjeta taghha minhabba pretensjoni pekunjarja li minn natura taghha twassal ghal otjenement ta' dan il-provvediment.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut ukoll ma fihiex mis-sewwa ghax l-allegazzjoni li ma hemmx ftehim bil-miktub ma jfissirx li ma hemmx rapport kontrattwali. L-istess Eric Arnoux fl-affidavit tieghu jammetti din ir-relazzjoni pero mhux il-kontenut tal-ftehim bil-miktub esebit. Din ukoll jista' jkollha konsiderazzjonijiet fil-mertu izda mhix ghal fini tat-talba odjerna.

It-tielet, raba u hames eccezzjonijiet jirrigwardaw il-mertu tat-talbiet attrici. Dwar dan il-Qorti mhix ser tippronuncja ruhha ghaliex mhux il-mertu ta’ din l-azzjoni. L-atturi jridu jippruvaw biss pretensjoni li tista’ twassal biex jintlaqa’ l-hrug tal-ordni ta’ protezzjoni tal-kreditu pretiz mill-atturi fuq il-vapur proprjeta tas-socjeta konvenuta. L-atturi pprezentaw dokumenti ta’ hlasijiet dovuti li juru prima facie pretensjoni. Jekk tali pretensjoni hix gustifikata hi kwistjoni li trid tigi deciza fl-azzjoni ad hoc li trid issir.

Fis-sitt eccezzjoni  s-socjeta konvenuta titlob l-impozizzjoni ta’ garanzija kontra d-danni, imghaxijiet u spejjez li tista’ ssofri, u dan in vista tal-fatt illi skond is-socjeta konvenuta kif jixhed l-affidavit ta’ Eric Arnoux, il-kaptan Foulis naqas li jaghti spjegazzjoni valida dwar l-ammonti allegatament li nefaq a spejjez tas-socjeta konvenuta li jissuperaw bil-bosta dak pretiz apparti li l-istess Arnoux jirrifjuta l-kuntratt ta’ impjieg esebit min Foulis iffirmat mill-istess Foulis f’isem is-socjeta konvenuta.

Din il-Qorti tqis illi l-provi prodotti mill-atturi, ghalkemm jistabilixxu prima facie dritt, pero dan id-dritt ma hux bizzejjed pruvat b’mod car li din il-Qorti tista’ tinjora dak mitlub mis-socjeta konvenuta. l-kawtela mitluba mill-atturi hi wahda serja b’riperkussjonijiet serji finanzjarji fuq is-socjeta konvenuta. Billi l-provi in sostenn tat-talba finanzjarja huma fil-fehma tal-Qorti skarni wisq ghalkemm kif inghad il-prova ta’ relazzjoni kontrattwali ingiebet, ghandu f’dan il-kaz jinghata garanzija lis-socjeta konvenuta biex l-ordni tinhareg kif mitluba. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-atturi ghandhom jiddepozitaw fil-Qorti s-somma ta’ €10,000 bhala garanzija ai termini tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 234.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel hames eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, u tilqa’ t-talbiet attrici kif maghmula b’dan illi dawn it-talbiet jinghataw effett biss jekk fi zmien gimaghtejn millum tigi depozitata fir-Registru tal-Qorti s-somma ta’ €10,000 mill-atturi, u fin-nuqqas l-ordni tal-Qorti kif maghmula titqies minghajr ebda effett u tigi wkoll kontestwalment revokata minghajr il-htiega ta’ proceduri ulterjuri l-ordni provizjorja moghtija min din il-Qorti fis-17 ta’ Frar 2014.

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili jigi notifikat b'din is-sentenza. Spejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------